SAN GILJAN

**KUNSILL LOKALI SAN ĠILJAN**
**Triq Forrest, San Ġiljan, STJ 2033**
Tel: 21373111 Fax: 21373444
email: sangiljan.lc@gov.mt

**Rif Minuti 09/K8/15**

**Laqgħa numru 9 tal-Leġislatura Nru. 8**

**Nru ta' seduti minn 07/04/'94 – 30/10/'15 387**

**Nru ta' Laqgħa Pubblika minn 10/03/'95 – 18/12/'14 20**

## 9.01 Introduzzjoni

**9.01.01** Minuti tal-laqgħa ta' nhar il-Ġimgħa 30 t'Ottubru 2015.

**9.01.02** Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv, Triq Forrest, San Ġiljan, fl-4.00p.m.

| Isem | Kariga | Inizjali | Preżenza |
|---|---|---|---|
| Karl Gouder | Sindku | KG | Preżenti |
| Guido Dalli | Viċi Sindku | GD | Preżenti |
| Martin John Sultana | Kunsillier | MJS | Preżenti |
| Dott. Albert Buttigieg | Kunsillier | AB | Preżenti |
| John Agius | Kunsillier | JA | Preżenti |
| Adrian Dominic Ellul | Kunsillier | ADE | Prezenti |
| Clayton Luke Mula | Kunsillier | CLM | Preżenti |
| Clayton Tanti Gregoraci | Kunsillier | CTG | Preżenti |
| Rita Dimech Portelli | Kunsilliera | RDP | Preżenti |
| Paul Spiteri | Segretarju Eżekuttiv | PS | Preżenti |
| Cher Carmen Fenech | Iskrivana | CCF | Preżenti |

9.01.02 Kien preżenti wkoll l-Ambaxxatur tal-Żgħażagħ is-Sur Brian Azzopardi.

9.01.03 Preżenza tal-Pubbliku:- (2)

9.01.04 Is-Sindku Karl Gouder ippresieda l-laqgħa.

9.01.05 Inqrat it-Talba.

**Aġenda**

9.01.06 Il-Kunsill mexa' fuq l-avviż li ġie ppubblikat fl-23 ta' Ottubru 2015. L- Aġenda kienet hekk:-

1. Approvazzjoni ta' Minuti
2. Korrispondenza
3. Kommunikazzjoni miċ-Ċermen
4. Update tal-proġetti
5. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-Kontijiet
6. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets
7. Aġġornament tal-laqgħa.

## 9.1 Approvazzjoni ta' Minuti

9.1.01 Is-Sindku ressaq il-Minuti 08/K8/15 għall-approvazzjoni.

9.1.02 Iċ-Ċermen Karl Gouder ippropona l-approvazzjoni tagħhom

9.1.03 Il-Viċi Sindku Guido Dalli ssekondah.

9.1.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

9.1.05 Il-Kunsillier Adrian Dominic Ellul wasal fl-4.30p.m.

## 9.1.2 Approvazzjoni ta' Minuti – Kumitat Amministrattiv Paceville

**9.1.2.01** Il-Kunsill approva unanimament il-Minuti 13/KA2/15 tal-Kumitat Amministrattiv Paceville (Ara Appendiċi 'A').

**9.1.2.02** Il-Kunsillier Clayton Luke Mula ġie skużat fil-5.00p.m.

## 9.2. Korrispondenza

**9.2.01** Fuq il-mejda tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Ċermen. Dawn huma:-

**Korrispondenza**

**9.2.02 Rif Nru. 5962 & 6166**

Saret riferenza ghall-korrispondenza dwar il-hatra ta' Presidenti ta' Kunsilli ta' Skejjel Primarji, wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li jintagħżel is-Sindku Karl Gouder f'isem il-Kunsill.

**9.2.03 Rif Nru. 6123**

Saret riferenza għall-email mingħand il-Kunsillier Albert Buttigieg dwar Triq Reġjonali. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li din il-materja tintbagħat lit-Transport Malta sabiex issir tunnel għan-nies biex ikunu jistgħu jaqsmu għall-Kunvent tal-Klarissi. (Emended See Minuti 10/K8/15)

**9.2.04 Rif Nru. 6182**

Saret riferenza għall-email mingħand il-Kunsillier Albert Buttigieg dwar is-*Social Contribution Fund.* Wara diskusjoni qasira ġie deċiż li tintbagħat ittra lill-Kunsilli Lokali li huma żoni turistiċi sabiex issir laqgħa magħhom sabiex jigi diskuss l-andament ta' dawn il-fondi.

**9.2.05 Rif Nru. 6208 & 6209**

Saret riferenza ghat-talba minghand *Massive Promotions* għal permess sabiex issir l-attivita' tal-Euro Cup 2016. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li jingħata permess biss għall-Xatt is-Sajjieda minħabba li fid-Daħla tat-Tigulio ser jiftaħ it-Tigulio.

**9.2.06 Rif Nru. 6296**

B'riferenza għall-email mingħand il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli dwar il-qtates fil-Balluta, wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li l-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni u għaldaqstant is-Sindku ser jiltaqa' magħhom.

**9.2.07 Rif. Nru. 6309**

Saret riferenza għall-istima minghand il-Perit Bezzina dwar xogħolijiet fi Triq il-Kbira. Wara diskussjoni qasira gie deciz unanimament li għandha terġa tintbagħat *reminder* lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

**9.2.08 Rif. Nru. 6416**

Saret riferenza għat-talba mingħand is-Sur Philip Attard biex jarma *stand* fid-Dahla tat-Tigulio. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni u li jinżamm l-ammont ta' €50 bħala depożitu f'każ li jitħalla xi ħmieġ.

## 9.3 Komunikazzjoni miċ-Ċermen

**9.3.01** Iċ-Ċermen nforma l-Kunsill li :-

- Ser terġa titella' l-attivita' għall-coffee morning fil-Milied għall-anzjani.
- Ser issir l-ikla ta' l-istaff. Data u ħin għadd iridu jiġu diskussi.
- Jintbgħatu Christmas card lir-residenti.

- Inħarġet it-talba tal-cultural events fejn ser jiġu applikati għall-żewġ attivitajiet li huma l-Festa ta' Lapsi kif ukoll għall-Ġieħ San Ġiljan. Għaldaqstant dawn iż-żewġ attivitajiet għandhom jitelgħu bħala item fl-aġenda li jmiss.

- Ser nkellmu lill-Pio Dalli u lill-Kappillan Fr. Claude Portelli sabiex din is-sena jergħa jsir l-kunċert fil-Knisja.

- Ġie approvat t-tender ghall-*leasing* ta' vann sabiex jintuża għall-Kunsill.

- Saret diskussjoni ma' Fr. Claude Portelli sabiex jibdew isiru *open concerts* fil-Knisja tal-Kunċizzjoni. Kien hemm qbil li dawn it-tip ta' kunċerti, permess ta' ftit elimenti ta' strumenti mużikali jibdew jittelaw matul ix-xhur tas-sajf u fl-istess ħin ikun hemm il-Knisja mixegħula. Għall din l-attivita' l-ispejjeż ser jinqasmu bejn il-Kunsill u l-Knisja.

- Il-kwotazzjonijiet tac-CCTV cameras għalqu. Il-Kunsill irċieva kwotazzjoni wahda. Għaldaqstant issa ser jinħareġ tender bl-ispecifications.

- Saret diskussjoni dwar l-playing field u l-Ground Dun Anton Scibberas biex jinħareġ sejħa għall-immaniġjar tiegħu. Il-Kunsilliera ingħataw l-opportunita' li jaraw dan it-tender u sal-laqgħa li jmiss jibagħatu l-kummenti tagħhom.

## 9.4 *Update* tal-Progetti

**9.4.01** Il-Kunsill irċieva l-go ahead mill-MTA fir-rigward ir-rampa tal-Balluta. Għaldaqstant ser issir sejħa għal disin ta' dan il-proġett miftuħa għall-pubbliku fejn fiha jingħata premju ta' €500 għal isbaħ disinn magħzul. Dan id-disinn mhux ser ikun id-disinn finali tal-proġett iżda jintuża bħala bażi.

**9.4.02** Il-pjanti ta' Xatt is-Sajjieda huma lesti. Għaldaqstant daqt jibdew ix-xogħolijiet min-naħa ta' *Malta Tourism Authority.*

## 9.5 Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-Kontijiet.

**9.5.01** Iċ-Ċermen ressaq il-pagamenti għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'B').

**9.5.02** Il-Kunsillier Clayton Tanti Gregoracy ippropona l-approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet.

**9.5.03** Il-Kunsillier Adrian Dominic Ellul ssekondah.

**9.5.04** Il-Kunsill qabel unanimament.

## 9.6 Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

**9.6.01** Il-Kunsill ġie ppreżentat bil-Purchase Request Sheets minn Nru. 3724 sa' Nru 3856 (Ara Appendiċi 'C').

**9.6.02** Il-Kunsill qabel unanimament mal-approvazzjoni tal-Purchase Request Sheets minn Nru. 3724 sa' Nru. 3856.

## 9.7 Affarijiet oħra meqjusa urġenti u Aġġornament

**9.7.01** Il-Kunsillier Adrian Dominic Ellul flimkien mal-Kunsillier Martin Sultana taw rapport dwar il-kummenti fir-rigward l-korrispondenza mingħand il-white paper li kienet nġabet għall-attenzjoni tal-Kunsill fil-laqgħa preċidenti. Huma taw spjegazzjoni fir-rigward l-ftuħ ta' skejjel u l-konġestjoni tat-traffiku. Wara diskussjoni qasira u xi emendi, il-Kunsill qabel unanimament fuq dan ir-rapport sabiex jintbagħat lil min hu kkonċernat. (Kopja tar-rapport mehmuza).

**9.7.02** Il-Kunsillier Albert Buttigieg u il-Kunsillier Clayton Luke Mula kellhom ir-rapport fir-rigward Tables and Chairs. Il-Kunsillier Albert Buttigieg ta spjegazzjoni verbalment dwar il-proposti fir-rigward is-suġġett. Wara diskussjoni qasira u xi emendi il-Kunsill qabel unanimament fuq dan ir-rapport sabiex jintbagħat lil min hu kkonċernat. (Kopja tar-rapport mehmuza).

**9.7.03** Għandha tintbagħat ittra lill-Avv. Montanaro Gauci firrigward l-iskart ta' The Podium fi Triq San Mark.

**9.7.04** Jinżabru is-siġar li hemm.:

a. Fejn The Albony Flats fi Triq il-Kbira;
b. Hdejn il-Buco Cafe' fi Triq San Gorg;
c. F'Birkirkara Hill;
d. Fi Triq Lapsi hdejn l-Ambaxxata Ċiniża.

**9.7.05** Issir siġra fil-konka vojta li hemm mad-dawra ta' Ġnien ta' Spinola minħabba li hi vojta u qed jaqgħu in-nies fiha.

**9.7.06** Titneħħa l-un/loading sign li hemm fi Triq Birkirkara quddiem l-Martina's Pastizzeria.

**9.7.07** Il-laqgħat li jmiss ser isiru nhar il-Ġimgħa 27 ta' Novembru 2015 fl-4.00p.m. u nhar il-Ġimgħa 8 ta' Jannar 2016 fl-4.00p.m.

**9.7.08** Il-laqgħa ntemmet fis-7.00p.m.

**Karl Gouder**
**Ċermen**

**Paul Spiteri**
**Segretarju Eżekuttiv**